# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum id-19 t'Ottubru 2023**

**Appell numru 525/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**George BARTOLO**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' George BARTOLO (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 0378157M) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 ta' Novembru 2022 fejn ġie mixli talli:

    F'dawn il-Gżejjer u ċjoe' nhar il-31 ta' Mejju 2021 jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-fond bl-isem ta' St. Mary fi Triq il-Ħaddied, il-Mosta : -

    Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel il-ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandu, ġiegħel b'awtorita' tiegħu nnifsu, lil Joseph Sultana jħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Joseph Sultana fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħatt bini jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, indaħal fi ħwejġu (Artikolu 85 tal-Liġijiet ta' Malta).

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qieset li piena karċerajra ma kinitx idoneja f'dan il-każ u konsegwentement ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250) kif ukoll ikkundannatu sabiex immedjatament u mingħajr ebda dewmien jirrimpjazza spejjeż tiegħu a favur il-kwerelant Joseph Sultana iċ-ċavetta tal-imsemmija vettura u l-battery, ir-radiator, il-cooler, il-fannijiet u l-bumper li kienu kollha ġo fiha meta l-vettura kienet fil-garaxx.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant BARTOLO appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

   i) L-ewwel aggravju: fl-ewwel lok jeħtieġ li jiġi rilevat li l-prosekuzzjoni għażlet illi tixli lill-esponenti talli wettaq l-allegat reat fil-31 ta' Mejju 2021 jew fix-xhur ta' qabel'. Dan neċessarjament jillimita t-terminu temporali taċ-ċitazzjoni għal 31 ta' Mejju 2021 sa żmien tnax -il xahar qabel u mhux għal żmien illimitat. Rigward it-terminu temporali kopert mill-kliem 'xhur' l-esponenti jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Il-Pulzija vs Clayton Azzopardi. Illi mill-atti proċesswali, senjatment minn kliem Joseph Sultana, u l-motivazzjonijiet tal-ewwel Onorabbli Qorti, jirriżulta bl-iktar mod ċar li r-reat allegat (ossia reat li allegatament involva xi vettura ta' Joseph Sultana) seħħ fi Frar 2020. Konsiderando l-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti appena ċitata, l-imputazzjoni kif imposta tista' l-iktar l-iktar tkopri sa Mejju 2020 iżda ċertament ma jistax jingħad li tirrisali lura sa Frar 2020;
   ii) It-tieni aggravju: illi fit-tieni lok iċ-ċitazzjoni tipprospetta li l-allegat reat seħħ ġewwa l-fond bl-isem St Mary fi Triq Il-Ħaddied Mosta. Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni (ara foljo 9 u kuntratt tal-kera ppreżentat) huwa evidenti li l-fond li jirreferu għalih il-provi huwa sitwat fi Triq Il-Mastrudaxxa liema triq hija separata u distinta mit-triq redatta fiċ-ċitazzjoni. Di piu x-xhud qua allegat vittima Joseph Sultana fix-xhieda tiegħu jgħid li l-garaxx jismu St. Joseph. Illi fil-każ bl-ismijiet Il-Pulizija vs. Fr Michael Camilleri u Alfred Grixti (QK 26 ta' April 2018) meta rinfaċċjata b'sitwazzjoni analoga bħal dik odjerna il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet obiter: 'dan għaliex il-Qorti qatt ma tista' ssib ħtija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun seħħ mhux biss fi żmien ieħor iżda ukoll f'xi post mhux dak indikat fl-akkuża ċirkostanzi li hija tant materjali u sostanzjali fil-każ imressaq 'il

quddiem mill-prosekuzzjoni.' Huwa għaldaqstant unsafe and unsatisfactory li l-esponenti jinsab ħati ta' fatti u ċirkostanzi li ma jirrafigurawx fiċ-ċitazzjoni lilu imputata. Għaldaqstant kellu jiġi lliberat minnhom.

iii) It-tielet aggravju: għamlet apprezzament żbaljat ta' provi u l-liġi u dan peress illi l-provi tal-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma' jistgħu iwasslu għal sejbien ta' ħtija skont il-Liġi. Illi jeħtieġ li terġa' ssir referenza għaċ-ċitazzjoni kif imfassla mill-prosekuzzjoni. Huwa evidenti li l-prosekuzzjoni qed tallega li r-rikorrent wettaq ir-reat prevvist fl-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali għad-dannu ta' Joseph Sultana. L-imsemmi Joseph Sultana xehed nhar l-14 ta' Ottubru 2022 fejn minn din ix-xhieda jirriżultaw is-segwenti fatti rilevanti: fil-bidu ta' Frar 2020 Sultana sab il-vann tiegħu barra fuq il-Mosta bridge; qabel Frar 2020 l-imsemmi van kien ġewwa garaxx bl-isem ta' St Joseph Garage; ma jafx min tefgħelu l-van fuq il-Mosta bridge iżda jissuspetta li hu r-rikorrent sid il-garaxx peress li kellu telefonata ma' persuna fejn akkużah li kissirlu l-katnazz tal-garaxx; ma jafx ma' min kien qed jitkellem fuq din it-telefonata, lir-rikorrent mgħarfux fl-awla ma jafx l-identita' ta' sid il-garaxx. Illi qabel kollox għandu jerġa' jiġi sottolineat li l-inċident lamentat mill-vittma indikat fiċ-ċitazzjoni ossia minn Joseph Sultana jirrisali għal bidu ta' Frar 2020. Inċident li jaqa' barra mit-terminu temporali taċ-ċitazzjoni kwindi barra mis-skutinju ġudizzjarju li l-Qorti talbet tagħmel. Indipendentement mis-suespost, il-fatti allegati minn Sultana ma jirrientrawx fl-elemeti tar-reat imputat lir-rikorrent. Fil-każ odjern, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li l-inċident deskritt minn Sultana kien fil-fatt attriwibbli lir-rikorrent. Ta' min jissottolinea li l-vittma stess esprimiet id-dubju tagħha dwar min seta kien l-aġent. Illi għalhekk mill-provi rriżulta bl-aktar mod ċar u inekwiviku illi Joseph Sultana ma jafx minn effettivament tefa l-vann tiegħu fuq il-bridge tal-Mosta iżda qiegħed jassumi illi kien is-sid tal-garaxx. Illi apparti l-fatt illi sempiċi assunzjoni ma tikkostitwixxix prova, fil-każ in eżami Sultana qiegħed jabbiża l-assunzjoni tiegħu fuq telefonata li huwa allegatament irċieva li ex admissis ma jafx min għamlu din it-telefonata għaliex kif jistqarr huwa stess in-numru tat-telefon kien witheld jew kif jgħid Sultana numru privat. Illi in oltre Sultana ma qalx meta saret it-telefonata u meta mistoqsi ma setax jgħid jekk il-vann instabx barra fit-triq wara jew qabel l-imsemmija telefonata. Illi għalhekk huwa ċar li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha mhux in segwitu għall-apprezzament ta' provi illi kellha quddiemha iżda sempliċement fuq l-assunzjoni illi ġjaladarba l-imputat huwa sid il-garaxx bilfors li kellu jkun hu li wettaq ir-reat billi ħaddieħor ma kellu interess lura l-pussess tal-garaxx relattiv. Illi b'kull dovut rispett dan ir-raġunament huwa wieħed żbaljat u ġjaladarba nieqsa l-prova illi l-esponenti wettaq l-att estern li b'riżultat tiegħu Sultana ġie mfixkel fil-pussess ta' ħwejġu, il-konklużjoni kellha tkun il-liberazzjoni tal-imputat mill-akkużi kontrieh. Illi għalhekk qatt ma setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-esponent tar-reat li la huwa imputat bih u li lanqas hemm prova li kkommetta.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

9. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

10. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

11. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

**D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

12. Illi nhar il-31 ta' Mejju, 2021, il-Pulizija ġewwa l-Għassa tal-Mosta daħlilhom rapport mingħand Goffredo Gauci Maistre fejn dan sostna kif huwa kien jikri garaxx fi Triq Il-Ħaddied il-Mosta mingħand George BARTOLO, l-appellant, u li madwar xahar qabel dan l-istess fond ġie msakkar b'katnazz li tiegħu huwa ma kienx ingħata ċ-ċavetta. Huwa kompla jistqarr kif kien lavrant imqabbad minnu sabiex iġorr xi affarijiet li kienu miżmuma f'dan il-garaxx li kien induna bil-katnazz hekk kif dan kien ċempillu sabiex jinfurmah li ma setax jaċċedi għall-fond bħas-soltu għaliex kien imsakkar b'katnazz.

13. Kompla jistqarr ukoll kif ġewwa dan il-fond kien iżomm xi vetturi li huma ta' proprjeta' ta' Joseph Sultana. Il-kwerelant stqarr ukoll li hu kien ilu jikri l-fond in kwistjoni mingħand George BARTOLO sa mis-sena 2015 u li dan il-kuntratt kellu jibqa' in vigore sal-31 ta' Jannar 2021.

14. Il-kwerelant stqarr ukoll li huwa kien ilu ma jħallas il-kera minħabba f'li kellu problemi finanzjarji u li għalkemm ried jikkuntattja lis-sid, George BARTOLO, huwa ma setax għaliex kien inkisirlu l-telefon ċellulari u n-numru tiegħu tilfu.

15. Il-Pulizija sussegwentement bagħtet għal George BARTOLO sabiex huwa jiġi mitkellem b'rabta ma' dan ir-rapport. Huwa stqarr li l-proprjeta' nonche' l-garaxx in kwistjoni huwa tiegħu u jġib l-isem ta' "St. Mary's Garage" u jinsab fi Triq Il-Mastrudaxxa. Huwa ppreżenta l-kuntratt tal-kera fejn sostna li l-kirja bdiet nhar il-1 ta' Jannar 2019 u kellha tiskadi nhar il-31 ta' Jannar 2021. Qal ukoll li dan il-kuntratt ma ġiex imġedded u li kien iċempel ta' spiss lil Goffredo Gauci Maistre sabiex jiżgombra minn dan il-fond.

16. Illi skont ma jirriżulta mill-NPS Report 9/T/1573/2021, dakinhar tal-31 ta' Mejju 2021, Joseph Sultana, nonche' l-persuna li kienet iżżomm il-vetturi tagħha ġewwa l-garaxx li kien jikri Goffredo Gauci Maistre mingħand l-appellant BARTOLO, ġie infurmat li vann li huwa kien iżomm ġewwa dan il-fond, kien instab fuq il-pont tal-Mosta fi stat ta' abbandun mingħajr radiator, battery, ċwievet u komponenti oħra tal-vettura. In oltre, ġewwa l-vann instabu diversi oġġetti li Gauci Maistre irraporta li kienu jinżammu ġewwa l-garaxx tal-appellant.

17. Kien għalhekk illi Gauci Maistre u Joseph Sultana għamlu rapport konġunt mal-Pulizija u l-proċeduri in diżamina jidher li jitrattaw proprju dan ir-rapport u mhux il-kwistjoni tal-katnazz li allegatament twaħħal fuq dan il-garaxx f'xi żmien f'Mejju tas-sena 2021 kif irraportat fl-imsemmi NPS Report.

## Kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-aggravji

18. Joseph Sultana xehed a fol 28 u kkonferma li huwa kellu Van Volkswagen Transporter, li però ma forniex in-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu, li fil-bidu ta' Frar 2020 kien fuq il-bridge tal-Mosta għad li huwa kien ħallieh fil-garaxx li kien mikri mingħand l-Avukat Gauci Maistre. A fol 31 tax-xhieda tiegħu, huwa ma kienx jaf l-indirizz ta' fejn kien jinsab dan il-garaxx. Imma skont Joseph Sultana l-isem ta' dan il-garage kien "St. Joseph", li għalkemm ma kienx jaf l-isem tat-triq, jgħid li kien jinsab il-Mosta. Jgħid ukoll li għalkemm ma rax lill-appellant joħroġ il-vann tiegħu mill-garaxx, kien l-appellant li ħariġulu minn hemm minħabba li meta tkellem ma persuna li huwa ma kienx jaf min hi (ara fol 29A) huwa assuma li kien is-sid tal-garaxx. Dan peress li l-persuna li kellmitu fuq it-telefon kienet qaltlu wkoll li x-xhud kien kisser il-katnazz mentri Sultana insista li huwa ma kisser ebda katnazz. Biss a fol 30A Sultana jikkonferma wkoll li huwa ma kienx qal li kien is-sid li tefgħalu l-vann il-barra mill-garaxx in kwantu hu ma raħx jagħmel dan.

19. Huwa allura evidenti li skont il-mistoqsija magħmula mill-Uffiċjal Prosekutur stess lil Joseph Sultana a fol 28 jirriżulta li l-kwisjtoni relativa għal każ ta' ragion fattasi marbuta mal-vann ta' Joseph Sultana bdiet fi Frar 2020. Joseph Sultana jikkonferma li fi Frar 2020 il-vann tiegħu kien fuq il-bridge tal-Mosta. Għalkemm huwa kien ħallieh fil-garage li kien jikri l-Avukat Gauci Maistre, huwa kien allura sar jaf li l-vann tiegħu kien ilu fuq il-bridge tal-Mosta sa minn Frar 2020 u ma kienx f'qagħda li jinstaq. F'paġna 30 huwa jkompli jżid li huwa kien spiċċa bil-karta s-safra mal-windscreen u kellu jiġbdu. Ġab lil tat-towing Service u ħadu band'oħra. Mistoqsi jekk jiftakarx dan l-inċident meta kien, jgħid li "hu beda mit-2020 fi Frar issa meta tneħħa l-vann u dan ma nafx eżatt".

20. Dan allura jfisser illi lil hinn mill-kwistjoni parallela tal-katnazz fuq il-bieb tal-garaxx li kien jikri l-Avukat Gauci Maistre, li din il-Qorti tifhem kienet il-meritu ta' xi kawża oħra, il-kwistjoni tal-vann ta' Joseph Sultana u l-fatt li dan sar jaf li kien barra dak il-garaxx kienet

tmur lura għall-Frar 2020. F'dan il-każ l-imputazzjoni ġiet redatta fis-sens li l-appellant ikkommetta r-reat ta' ragion fattasi fil-"31 ta' Mejju 2021 u fix-xhur ta' qabel". Kif sewwa jargumenta l-appellant, meta l-Prosekuzzjoni tixli persuna li tkun ikkommettiet reat f'data speċifika u fix-xhur ta' qabel, hija tkun qegħda tiprospetta li r-reat ikun sar f'perjodu temporali li jmur lura almenu sa massimu ta' sena qabel. Altrimenti kienet tuża lukazzjoni differenti biex tindika li r-reat sar fix-xhur u snin ta' qabel.

21. Din il-Qorti, kif presjeduta kellha diġà l-opportunita tesprimi l-ħsieb tagħha fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Jefrin Grech**[5] fejn ġie osservat kif il-lokuzzjoni adoperata fiċ-ċitazzjoni għandha dejjem tiġi interpretata b'referenza għaż-żmien kif indikat fil-kalendarju. Il-lokuzzjoni "xhur ta' qabel" għandha tkun intepretata b'mod tali li ssir distinzjoni bejn "xhur" u "snin". Fejn il-parametri temporali jridu jestendu għal sena jew għall-aktar minn sena qabel data speċifika, allura l-lokuzzjoni li għandha tiġi użata trid tinkludi mhux biss il-kelma "xhur", iżda wkoll "snin". Dan peress li riferenza għal "xhur" qabel data speċifikata ma jistgħux ikopru perjodu ta' aktar minn tnax-il xahar minn dik id-data kif indikata. Iżda r-reat miġjub fiċ-ċitazzjoni – fil-verżjoni oriġinali tagħha jew kif korretta - jista' biss jitqies integrat kemm-il darba r-reat jiġi pruvat li seħħ f'dak il-perjodu temporali.[6]

22. Dan ma jirriżultax li sar u allura l-appellant għandu raġun jilmenta li r-reat kontestat lilu ma kienx jaqa' fl-ispazju temporali li bih

---

[5] Deċiża nhar il-15 ta' April 2021

[6] Fl-appell kriminali **Grech** intqal hekk:

> 51.Apparti minn hekk anke l-lokuzzjoni wiesa li tinkludi jiem u xhur, għalkemm hija lokuzzjoni li hija aċċettata minn dawn il-Qrati xorta waħda trid tiġi użata b'ċerta attenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-lokuzzjoni għandha tingħata t-tifsira ordinarja skont il-kalendarju. B'hekk il-kalendarju għandu kliem li jirriflettu kunċetti termporali speċifiċi. Erba' u għoxrin siegħa jagħmlu jum. Tmienja u għoxrin jum jew disa' u għoxin jum jistgħu jagħmlu x-xahar ta' Frar skont f'liema sena dak ix-xahar jaħbat; daqs kemm tletin jew wieħed u tletin jum isawru l-kumplament tax-xhur skont il-kalendarju. Millbanda l-oħra sebat ijiem jagħmlu ġimgħa daqskemm erba' jew ħames ġimgħat, skont kif jaħbtu, jagħmlu wkoll xahar. Iżda bla dubju tnax il-xahar jagħmel sena.
>
> 52. Mistqarr dan kollu b'hekk meta din il-Qorti tiġi konfrontata b'lokuzzjoni akkużatorja li tgħid "f'Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara" Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha tinterpreta din il-lokuzzjoni temporali bħala li tirreferi għax-xahar ta' Lulju kollu, inkluż il-jiem u xhur ta' wara. Din il-frażi filwaqt li tinkludi "xhur", ma ssemmix "snin". Minn din il-lokuzzjoni tat-tieni imputazzjoni Qorti tista' tinferixxi li l-intenzjoni tal-Prosekutur kienet li jixli lill-imputat bir-reat de quo kif allegatament minnu kommess bejn ix-xahar ta' Lulju 2006 u x-xhur ta' wara li pero ma jinkludix ukoll snin ta' wara, in kwantu li kieku dik kienet l-intenzjoni tal-Prosekutur huwa kien ikun aktar ċar u speċifiku li jindika l-kelma "snin". Verament li għadd kbir ta' xhur jista' wkoll jikkostitwixxi snin. Iżda l-Liġi kriminali ma tistax tiġi interpretata b'dan il-mod daqshekk laxk u wiesa. Ir-riferenza għal xhur għandha tkun ristretta għal ammont ta' xhur f'kalendarju li ma jagħmlux flimkien aktar minn sena. Għalhekk il-kelma "xhur" għandha tinftiehem li tinkludi sa massimu ta' total ta' tnax il-xahar inkluż ix-xahar li għalih tkun qed issir ir-riferenza fl-att akkużatorju.
>
> 53. F'dan il-każ għalhekk din il-Qorti tista' tinterpreta t-tifsira ta' "xhur" bħala li tinkludi dak l-ispazju temporali bejn Lulju 2006 u l-aħħar jum ta' Ġunju 2007. Iżda mhux aktar minn hekk għaliex mad-dekors tal-aħħar jum ta' Ġunju jidħol fix-xena il-kuntest ta' "sena" jew "snin" – ħaġa li f'dan il-każ tħalliet barra mill-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni fit-tieni imputazzjoni kontestata minnha lill-appellat.

ġie mixli iżda f'perjodu li kien imur lura iżjed minn sena minn meta huwa ġie mixli. L-ewwel aggravju għalhekk jimmerita li jiġi milqugħ.

23. Inoltre, l-appellant għandu raġun ukoll anke fir-rigward tat-tieni aggravju li jittratta żball fil-lok indikat fiċ-ċitazzjoni bħala dak fejn allegatament twettaq ir-reat in diżamina. Dan l-aggravju jimmerita li jiġi milqugħ għar-raġunijiet li ġejjin:

24. L-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu, jew li jistgħu jingħataw.

25. Il-partikolaritajiet taż-żmien, lok, u ħin ta' meta jitwettaq reat daqskemm ukoll tal-fatti li jsawruh iridu jkunu preżentati fiċ-ċitazzjoni b'mod inekwivoku sabiex il-ġudikabbli jkollu stampa ċara ta' dak li huwa jkun sejjer jiġi mixli bih u jipprepara d-difiża tiegħu adegwatament.[7]

26. Għalkemm oriġinarjament l-iskop wara dan l-artikolu kien sempliċiment biex il-ġudikabbli jkun avżat li jkun ġie mħarrek fil-Qorti f'data u ħin partikolari, maż-żmien, l-importanza wara li d-dettalji imniżżla fl-avviż tat-taħrika jkunu preċiżi saret iżjed markata. L-iżvilupp fl-interpretazzjoni tal-Liġi proċedurali penali Maltija magħquda mal-iżviluppi fil-kamp tal-jeddijiet tal-bniedem bdew jeħtieġu dejjem iżjed linejarita' u inekwivokabilita' fil-preżentazzjoni taċ-ċitazzjoni bħala l-bażi tal-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

27. Issa, il-pożizzjoni klassika imħaddna mill-ġurisprudenza kienet dik li ċ-ċitazzjoni għandha sservi biss bħala "avviso a comparire" u li allura l-funzjoni tagħha għandha tkun meqjusa eżawrita jekk u

---

[7] L-ispirtu tal-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ġie mistħarreġ fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina** deċiż nhar is-26 ta' Mejju 2004:

> Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:
>
> > "L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.** (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex ilgudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data ii jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba lpersuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, ii l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."

meta l-imputat jippreżenzja ruħu l-Qorti u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. Skont din il-linja tal-ħsieb, xi impreċiżjonijiet li jolqtu dawk il-partikolaritajiet li għandha jkun fiha ċ-ċitazzjoni tal-kawża indikati fl-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jwasslux għan-nullita' taċ-ċitazzjoni dment li l-iskop tagħha jkun intlaħaq.

28. Din il-Qorti rat li sa minn żmien il-posizzjoni adottata mill-Imħallef Harding fis-sentenzi tiegħu, il-posizzjoni regolanti ċ-ċitazzjoni saret kunsidrata ius receptum u tisħaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imniżżel fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirriżulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fiċ-ċitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuża ma tkunx sostenibbli. Dak li l-imputat fi proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[8] għandu dritt għalih huwa li, meta jirriżulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dak li jirriżulta mill-provi, jingħata l-opportunita li jiddefendi ruħu dwarha, u dan sakemm dik id-diskrepanza, ossija variance ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha.

29. Il-ġurisprudenza evoluta saret tagħti iżjed piż lid-dokument taċ-ċitazzjoni li, għalkemm mhux identiku għall-att tal-akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, xorta waħda jibqa' dak li bih proċedura kriminali tiġi istitwita quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. Allura għalkemm in-natura legali ta' dan l-att ġudizzjarju baqgħet invarjata, dak li inbidel kien il-mod kif il-Qrati jħarsu lejn l-essenza u l-importanza tal-kontenut ta' dak id-dokument in kwantu bħala d-dokument li minnu titnissel ix-xilja, dan irid ikun jikkontjeni partikolaritajiet ċari, inekwivoċi u preċiżi b'mod li jippermetti lill-ġudikabbli li jkun jista' faċilment jifhem dak li l-Istat ikun qiegħed jixlih bih biex ikun jista' jiddefendi ruħu sew minn tali xilja.[9]

---

[8] skont l-artikolu 374(i)(i) kif ukoll reż applikabbli għal proċedimenti ex officio bl-artikolu 375(c) jew bl-artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali fil-proċedimenti istruttorji.

[9] Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Glen Debattista** tat-23 ta' Diċembru 2003 din il-Qorti diversament presjeduta saħqet:

> L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l- provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.

30. Anzi, l-ġurisprudenza tisħaq li huwa permess ukoll li f'dawk il-każijiet fejn fiċ-ċitazzjoni jkun hemm xi żbalji, impreċiżjonijiet jew ineżattezzi tkun tista' ssir il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni fejn ikun hekk meħtieġ - anki f'każijiet ta' natura sommarja - sabiex l-imputat ikun jista' jirregola l-linja difensjonali tiegħu fid-dawl tal-korrezzjonijiet tal-partikolaritajiet taċ-ċitazzjoni. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Mary Briffa** deċiż nhar it-18 ta' Ottubru 2005 intqal li l-Prosekuzzjoni **għandha obbligu** sabiex titlob din il-korrezzjoni tempestivament. Din il-pożizzjoni ġiet ukoll segwita f'każijiet sussegwenti fosthom f'**Il-Pulizija vs. Warren Piscopo**[10] u **Il-Pulizija vs. Rita Theuma**.[11]

31. F'każ li jkunu jirriżultaw impreċiżjonijiet fiċ-ċitazzjoni dawn ma jissarfux b'mod awtomatiku fil-liberazzjoni tal-imputat.[12] F'sitwazzjoni fejn in-nuqqas ta' rekwiżiti ma jippreġudikax il-każ kontra l-imputat, il-Liġi stess tippermetti li l-kawża tibqa' għaddejja wara li jsiru d-debiti korrezzjonijiet.

32. Biss, fejn ikun jirriżulta li l-partikolaritajiet indikati fiċ-ċitazzjoni huma għal kollox differenti minn dak li jirriżulta mill-provi - in kwantu jkunu jeżistu diskrepanzi fundamentali li jolqtu s-sustanza jekk mhux

---

[10] Deċiża nhar id-19 ta' Ottubru 2011. Fl-appell **Piscopo**, il-Qorti għamlet ukoll referenza għal appell ieħor fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicolai Magrin** fejn għalkemm f'din tal-aħħar l-eċċezzjoni mistħarrġa kienet dik tan-ne bis in idem, fuq ir-rekwiżiti tal-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali intqal hekk

> **Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan l-inċident kollu seta' ġie evitat kieku l-Ispettur Prosekutur fl-ewwel kawża, appena nteba' li kellu żball fil-ħin li kien indikat fil-komparixxi, talab korrezzjoni biex iż-żewġ ittri 'am.' jinbidlu u jiġu sostitwiti biz-zewg ittri 'pm.'** Dan seta' jsir tempestivament kieku lprosekutur kien 'alert' biżżejjed u l-Ewwel Qorti żgur li kienet tilqa' t-talba għal tali korrezzjoni u, f'każ li ma tilqagħhiex, tali deċiżjoni kienet tkun appellabbli. Dan pero' ma sarx meta seta' u kellu jsir fl-ewwel process. [...] f'dan il-każ din l-eċċezzjoni [ta' ne bis in idem] mhix applikabbli. Dan għaliex it-testimonjanza tas-Surgent (u ovvjament tax-xhieda l-oħra tal-Prosekuzzjoni) dwar il-ħin tal-inċident qatt u qatt ma setgħet twassal biex tinstab ħtija kontra l-appellat f'dik il-kawża għaliex altru inċident li ġara fit-tmienja u kwart ta' filgħodu u altru inċident li ġara fit-tmienja u kwart ta' bil-lejl. Għalhekk it-tieni kawża bażata fuq komparixxi li turi l-ħin bħala dak tat-8.15p.m. kienet materjalment differenti f'element importanti mill-ewwel akkuża, u ċioè l-ħin.

[11] Deċiża nhar id-19 ta' Ottubru 2011.

[12] Hekk intqal fost oħrajn, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deċiż nhar il-5 ta' Awwissu 2003:

> Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh.

ukoll is-sostenibilta' tal-azzjoni kontra l-ġudikabbli - il-każ ma jkunx jista' jirnexxi fuq il-binarju tal-imputazzjoni kif miġjuba.

30. Il-ġurisprudenza għalhekk taċċetta li f'ċerti ċirkostanzi jista' jkun hemm differenzi jew xi diskrepanzi bejn dak imputat u l-provi riżultanti – ossija *variances.* Iżda mhux kull tali *variance* twassal sabiex persuna mixlija tiġi meħlusa mill-imputazzjoni minħabba dubju dettat mir-raġuni dwar il-fatti tal-każ. Bħala eżempju, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Zammit** deċiż fit-13 ta' Jannar 2016, ġie mistqarr li għalkemm ma kienx hemm dubju li "għall-ħabta tal-11.00" mhux l-istess bħal "għall-ħabta ta 14.00", l-anqas ma kien hemm dubju li l-appellant kien jaf sew għall-liema inċident il-każ kien qiegħed jirreferi. Imbagħad fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Grixti** deċiż fis-26 ta' Marzu 2018 differenza fil-komparixxi bejn l-isem "Mary" u "Maria" kienet ritenuta bħala li ma taffettwax l-imputazzjoni u l-aggravju relattiv ġie miċħud.

33. Fejn jirriżulta li jkun hemm differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dawk riżultanti mill-provi, allura wieħed qajla jista' jitkellem fuq sempliċi *variance*. *Variance* tista' tkun kbira daqskemm żgħira. B'hekk il-Qorti tkun trid tistħarreġ in-natura ta' dik il-*variance* u l-effett li din ikollha fuq l-azzjoni penali li tkun qegħda tiġi trattata quddiemha.

34. Id-dottrina tal-*variance* mhix intiża li tagħmel tajjeb għal differenzi jew diskrepanzi bejn il-partikolaritajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u l-provi prodotti li jkunu ta' natura tali li jolqtu xi dettall essenzjali u importanti għall-integrita u sostenibilita tal-akkuża. Jekk id-diskrepanza jew differenza bejn il-partikolaritajiet fiċ-ċitazzjoni u l-provi prodotti jkunu tali li bihom ikun jista' jinħoloq dubju dettat mir-raġuni dwar ir-reat innifsu, jew iwassal għal xi reat jew reati differenti minn dak imputat jew saħansitra għal nuqqas ta' reat - u dan jibqa' ma jiġix indirizzat bid-debiti korrezzjonijiet fl-istadji opportuni - allura l-kwistjoni hemmhekk ma tistax titqies li tkun riżolta b'sempliċi riferenza għad-dottrina tal-*variances* in kwantu l-integrita tal-azzjoni penali u s-sostenibilita tal-ġudizzju jkunu ġew milquta. Tant hu hekk li anke l-Imħallef Harding kien jisħaq li f'ċerti każi il-variance tkun tista' tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha.

35. B'hekk ladarba l-Prosekuzzjoni għandha r-responsabbilta' li tixli, hija trid tara li dak li tixli bih ikun fattwalment u legalment korrett.

Jekk iċ-ċitazzjoni jkun fiha ineżattezzi jew żbalji, il-ġurisprudenza aċċettat li dawn fihom infushom ma jġibux, awtomatikament, in-nullita taċ-ċitazzjoni jew tas-sentenza. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni tkun tista' tieħu attitudni leġġera jew allegra lejn dak li tikteb fiċ-ċitazzjoni, il-partikolaritajiet jew il-kontenut tagħha. Jibqa' dmir tal-Uffiċjal Prosekutur li jassigura li fejn ikun hemm żbalji, ineżattezzi jew impreċiżjonijiet, dawn għandhom jiġu korretti kemm jista' jkun malajr malli jiġi mikxuf l-iżball.

36. Għal dan il-għan allura l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jitlob li ssir il-korrezzjoni relattiva filwaqt li l-imputat ma għandux dritt li jwaqfu milli jagħmel tali talba għal korrezzjoni jew saħansitra jikkontendi li l-avviż huwa null. F'dak il-każ l-imputat għandu dritt jitlob differiment biex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar. Dan għaliex jekk tirriżulta li xi wieħed mill-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jkunx jaqbel mal-provi prodotti, għalkemm dan ma jġibx in-nullita tal-avviż, ikun ukoll ifisser li dak li l-imputat ikun irid jirrispondi għalih u jiddefendi ruħu minnu jrid ikun b'riferenza għal dawk il-fatti li jirriżultaw mill-provi. U huwa għalhekk li, fi proċediment sommarju fejn id-differimenti għandhom ikunu l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, l-imputat ikun jista' jitlob li jingħata differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu b'dawk iċ-ċirkostanzi ġodda li jkunu rriżultaw u dan biex jiġi evitat kwalunkwe ombra li biha jkun jista' jiġi deceived jew misled. Dment li huwa jingħata l-opportunita sħiħa li jiddefendi ruħu mill-istat li jkun irriżulta mill-provi, l-imputat ma jistax iressaq ilment.

37. Għalhekk jekk dik il-partikolarita li tkun tinsab fiċ-ċitazzjoni tirriżulta li tkun żbaljata, impreċiża jew ineżatta, in kwantu jirriżulta li tkun differenti jew diskordanti mal-prova li tkun ġiet prodotta u allura tkun tirriżulta *f'variance,* dik il-variance tista' tiġi indirizzata b'talba għal korrezzjoni taċ-ċitazzjoni biex din tiġi sanata.

38. Iżda jekk dik il-*variance* tkun tant kbira u diskordanti li bejn il-fatti imputati u dawk riżultanti li tirrendu l-azzjoni inċerta, mhux ċara, jekk mhux ukoll kontradittorja dwar jekk ir-reat ikunx seħħ, fejn ir-reat ikun seħħ jew jekk kienx l-imputat li wettaq ir-reat mill-lok jew ċirkostanzi msemmija fil-provi - allura ma jkunx jista' jingħad li kien hemm sempliċi varjanza fis-sens tal-ġurisprudenza imsemmija. F'dak il-każ, l-azzjoni ma tkunx tista' tirnexxi għax il-parametri tax-xilja jkunu tant inbidlu radikalment li allura s-sejbien ta' ħtija fuq dawk

il-fatti imputati meta mqabbla mal-fatti pruvati ma tibqax iżjed u allura l-imputazzjoni li tkun inċerta sa dak il-livell ma tkunx tista' titqies salvabbli. U naturalment il-ġudizzju naxxenti minnha ma jkunx jista' jitqies sikur u sodisfaċenti. Dan jingħad b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi fil-proċedura penali u fil-kamp tad-drittijiet tal-bniedem li ma jippermettux iżjed li tali sejbien ta' ħtija jitqies aċċettabbli fis-sistema legali Malti tal-lum.[13]

39. Ikun isegwi li għaldaqstant minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija "avviso a comparire" u ċerti impreċiżjonijiet, jekk korretti fil-mori tal-kawża, huma ammessi u aċċettati, dan ma jkunx ifisser illi kull forma ta' diskrepanza hija aċċettabbli u huwa fundamentali f'proċeduri kriminali li ċ-ċitazzjoni kif redatta tirrifletti l-fattispeċje tal-kawża daqskemm li tkun sorretta mill-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni.

40. Dak li l-Qorti trid tqis huwa – jekk persuna ġiet mixlija formalment li hija wetqet reat f'lok partikolari, id-deskrizzjoni preċiża ta' dik id-data, ħin, lok jew ċirkostanzi f'termini speċifiċi (u mhux f'termini ġeneriċi) issir parti essenzjali minn dik l-imputazzjoni in kwantu l-imputazzjoni li tkun qegħda tiġi kontestata lill-persuna imputata tkun qegħda tintrabat ma dik id-data, ħin, lok jew ċirkostanzi f'termini speċifiċi u mhux ma d-data, ħin, lok jew ċirkostanzi oħra.

---

[13] Per eżempju fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Kyle Stone** deċiż nhar l-20 ta' Settembru 2013, ġie ritenut:

> Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appelli Kniminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs John Mary Briffa', fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "għall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li sehh "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:
>
> "L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament ġrat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. **Mill-provi ma jirrizultax li ġara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab**. Il-frazi "għall-habta ta' "tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-ll siegħa wara.'
>
> Illi dan l-istess prinċipju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet 'Pulizija vs Warren Piscopo' u Pulizija vs 'Rita Theuma, it-tnejn deċiżi fid-1 9 ta' Ottubru 2011. 35.

Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs Francis Portelli** maqtugħ fit-3 ta' Marzu 1992, ġie deċiż li n-nuqqas tal-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kienetx iġġib in-nullita taċ-ċitazzjoni; għalkemm id-difett tagħhom jista' jġib in-nullita' fil-każ li jirrendi l-imputazzjoni inċerta. Iċ-ċitazzjoni pero xorta kienet tirrikjedi li jkun fiha fatti tal-akkuża li tiġbor fiha r-reat jew reati ipotizzati u li eventwalment ikunu jridu jiġu moqrija fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 374 u 375 tal-Kodiċi Kriminali skont il-każ. Iċ-ċitazzjoni għalhekk xorta waħda ried ikollha fiha l-fatti li juru ċar ir-reat li bih persuna tkun qed tiġi mixlija u dan għandu jsir mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni u b'tali mod li l-imputat ikun jaf dwar liema reat jew reati jkun qed jiġi mixli bihom u għal liema reat għandu jwieġeb.

41. U allura dan ifisser li jekk, gratia argomenti kien hemm lapsus da parti tal-Uffiċjal Prosekutur li jkun irrediġa ċ-ċitazzjoni, meta fl-istadju opportun tal-proċeduri jiġi a konjizzjoni ta' diskrepanza ossija variance bejn dak miktub minnu fiċ-ċitazzjoni u l-provi prodotti, huwa obbligat li jaġixxi u jitlob lil Qorti li ssir id-debita korrezzjoni ta' dik il-partikolarita li tkun essenzjali biex tkun tista' tirnexxi dik l-imputazzjoni. Jekk il-lapsus jista' jiġi sanat b'dan il-mod viġilanti u attiv tal-Prosekutur, il-lapsus vigilantiae tiegħu matul il-kors tal-kawża imbagħad ma jistax jiġi kondonat. U allura jekk il-lapsus li jipproduċi variance (li tkun waħda li ma tibdilx l-essenza jew is-sustanza tal-azzjoni penali b'mod li tirrendiha inċerta u konsegwentement nulla) u tali variance ma tiġix indirizzata b'talba għal korrezzjoni minn naħa tal-Prosekuzzjoni, allura mbagħad il-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tagħmel tajjeb għal dak li l-Prosekutur ikun ħalla għaddej.

42. F'dan il-każ jirriżulta li teżisti diskrepanza bejn il-lok indikat fiċ-ċitazzjoni "'St. Mary', fi Triq il-Haddied, Mosta" għat-triq fejn skont il-provi prodotti, inkluż il-kuntratt eżebit f'paġna 23, jirriżulta li effettivament kien jinsab il-garaxx mertu ta' dawn il-proċeduri – iġifieri fi Triq il-Mastrudaxxa.

43. Ix-xhud Goffredo Gauci Maistre f'foljo 14 tax-xhieda tiegħu jixhed kif dan il-garaxx jinsab fi Triq Il-Mastrudaxxa ġewwa l-Mosta u mhux fi Triq Il-Ħaddied kif indikat fiċ-ċitazzjoni.

44. Meta mbagħad xehed Joseph Sultana, a fol 31 tax-xhieda tiegħu, huwa ma kienx jaf l-indirizz ta' fejn kien jinsab dan il-garaxx. Imma skont Joseph Sultana l-isem ta' dan il-garage kien "St. Joseph", li għalkemm ma kienx jaf l-isem tat-triq, jgħid li kien jinsab il-Mosta.

45. Din il-Qorti ħadet *judicial notice with inquiry* tal-mappa tal-Mosta biex tara ftit jekk f'din il-lokalita jirriżultax li kienu jeżistu toroq bl-isem ta' Triq il-Ħaddied u Triq il-Mastrudaxxa. U fil-fatt jirriżulta li jeżistu kemm waħda u kemm l-oħra u għalkemm jinsabu fil-viċinanzi ta' xulxin jirriżulta li fihom it-tnejn li huma għadd ġmielu ta' mħażen differenti.[14] Iġifieri dan mhux każ fejn f'dawk it-toroq kien hemm

[14] Riċerka magħmula bil-mezz ta' "Google Maps".

garage jew maħżen wieħed, u li allura ma jkunx hemm wisq dubju dwaru.

46. Mela jekk fl-appelli kriminali **Kyle Stone, Piscopo** u **Theuma**, varjanza fil-ħin tal-imputazzjoni kienet ritenuta biżżejjed biex tirrendi l-imputazzjoni inċerta (għalkemm il-jum, xahar u s-sena kienu msemmija u jaqblu mal-provi prodotti) kemm hija iżjed inċerta imputazzjoni li timputa l-kommissjoni ta' reat fi triq mod mentri l-provi prodotti jiġu juru li l-fatti jkunu seħħew fi triq oħra – u f'kuntest fejn fiż-żewġt toroq ikun jirriżulta li verament kien hemm diversi garaxxijiet jew imħażen? Wara kollox f'dan il-każ għalkemm ġie pruvat li Gauci Maistre u Sultana kellhom interessi f'garage fil-Mosta, ma ġiex pruvat sodisfaċentement li dak kien l-uniku garage li kellhom xi interess fih jew li kien l-uniku li setgħa kien jinsab fih il-vann in kwistjoni.

47. Kien Sultana stess li semma l-isem tal-garage bħala "St. Joseph" aktar milli "St. Mary", mingħajr indikazzjoni tat-triq li kien jinsab fih. Kien l-Uffiċjal Prosekutur li indika l-garage bħala li jismu "St. Mary", għalkemm azzjona lill-appellant bħala li dan jinsab fi Triq il-Ħaddied, fil-Mosta. Mill-banda l-oħra l-prova oħra imresqa mill-Prosekuzzjoni stess kienet tgħid li garage li kellu interess fih ix-xhud Gauci Maistre li kien jismu "St. Mary", Triq il-Mastrudaxxa, l-Mosta.

48. U allura f'dan il-kuntest akkużatorju u probatorju ma kellhiex dmir il-Prosekuzzjoni, qabel l-għeluq tal-provi tindirizza tali diskrepanzi b'talba għal korrezzjoni appożita aktar milli tmur għall-ġudizzju tal-Qorti bi tliet verżjonijiet differenti ta' dak li suppost kien l-uniku garage meritu tal-vertenza?

49. Din il-kawża damet għaddejja madwar tmien xhur u l-ewwel indikazzjoni għal diskrepanzi f'dan l-indirizz irriżultat sa mill-ewwel seduta meta xehed il-kwerelant Goffredo Gauci Maistre. Minkejja dan l-ebda talba għal korrezzjoni f'dan is-sens ma saret. Anzi, skont ma jirriżulta mill-NPS report, il-Pulizija diġa' kellhom f'idejhom kopja tal-kuntratt tal-kiri tal-garaxx in kwistjoni u għalhekk ma kienx diffiċli illi l-indirizz hemmhekk imniżżel jiġi rifless ukoll fiċ-ċitazzjoni li ppromoviet din il-kawża kontra l-appellant.

50. Mill-lat tekniku, li kieku din il-Qorti kellha taċċetta din l-impreċiżjoni, ikun ifisser li tkun qiegħda tagħlaq għajnejha għall-importanza tal-ħsieb wara l-evoluzzjoni ġurisprudenzjali li l-

partikolaritajiet indikati fl-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali, għandhom jiġu indikati bi preċiżjoni. Ikun ifisser ukoll li din il-Qorti tkun qegħda tagħti l-barka tagħha lill-prattika żbaljata li ċitazzjonijiet li jkunu redatti b'mod impreċiż – inkluż f'kuntest proċedurali modern fejn, ad eżempju fil-każ in diżamina, ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, salv il-proviso tiegħu, jista' jissarraf f'piena ta' priġunerija.

51. Għalkemm iċ-ċitazzjoni tibqa' "avviso a comparire" madanakollu ma jfissirx li kull żball fiha jgħaddi. Ifisser li fejn ikun hemm diskrepanza jew varjanza żgħira u li ma tibdilx is-sustanza tal-imputazzjoni il-Qorti tkun tista' tibqa' għaddejja biha dment li ssir it-talba għall-korrezzjoni appożita.

52. Iżda fejn id-diskrepanza jew varjanza tkun tali li tolqot l-essenza tal-imputazzjoni innifisha b'mod li allura tirrendi l-imputazzjoni innifisha inċerta, il-Qorti ma tkunx tista' ssalva dak li mhux salvabbli.

53. Imma anke kieku biss, *gratia argomenti* din il-Qorti setgħet tasal tikkonkludi li kemm id-data imputata kif ukoll il-lok imputat kienu integri mal-provi – fatt li ġie muri kjarament li ma kienux – jibqa' l-fatt li anke t-tielet aggravju jimmerita li jiġi akkolt.

54. Ebda xhud tal-Prosekuzzjoni ma kien f'qagħda li jgħid b'mod sikur min kienet dik il-persuna li verament ħarġet il-vann ta' Joseph Sultana mill-garage li kien jikri l-Avukat Gauci Maistre. L-Avukat Gauci Maistre jikkonferma li Joseph Sultana kellu vann li kien maħżun fil-garage li huwa kien jikri mingħand l-appellant – għalkemm ma jagħtix dettalji speċifiċi dwaru u dwar meta kien l-aħħar jinsab f'dan il-garage qabel ma dan il-vann kien instab fuq il-bridge tal-Mosta. Joseph Sultana wkoll ma kienx kapaċi jgħid b'mod sikur li fil-fatt kien l-appellant li kien il-persuna li ħariġlu dak il-vann mill-garage mikri lill-Avukat Gauci Maistre. Biss Sultana jikkonferma li l-vann tiegħu kien, sa minn Frar 2020 diġa jinsab fuq il-bridge tal-Mosta. Din il-Qorti ma ratx evidenza fl-atti li turi jekk Sultana jew l-Uffiċjal Prosekutur kienux preċiżi fuq din id-data jew jekk riedux jgħidu 2021 minflok 2020. Il-fatt hu li kemm l-Uffiċjal Prosekutur kif ukoll Joseph Sultana jagħmlu riferenza għad-data ta' meta l-vann kien jinsab fuq il-bridge tal-Mosta bħala li kienet Frar 2020 u mhux Frar 2021.

55. Allura dan għandu konsegwenza serja fuq il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-punt tat-tluq ta' dik il-Qorti u li fuqha sawret is-sejbien tal-ħtija tagħha kien li ladarba l-kuntratt tal-kera kien skada u ladarba l-Avukat Gauci Maistre kien sab li l-bieb tal-garage kien imbarrat b'katnazz, allura bilfors li kien sid il-garage li ħareġ dak il-vann in kwantu ġaladarba kienet skadiet il-kirja l-appellant kien qiegħed jippretendi li huwa setgħa jaqbad u jieħu lura l-garage anke billi jimponi l-forza u jarmi barra t-triq il-ħwejjeġ tal-inkwilin li dan kien iżomm fil-garage; u kien għalhekk li l-Qorti qieset li l-appellant kien ħa l-Liġi b'idejh. Iżda din mhix konklużjoni li hija sikura u sodisfaċenti minħabba l-fatt li jekk il-Qorti emnet ix-xiehda ta' Joseph Sultana u dik tal-Uffiċjal Prosekutur kienet tintebaħ li dawn jgħidu li l-vann ta' Sultana kien ilu barra dak il-garage diġà minn Frar 2020.

56. Meta wieħed jaqra l-kuntratt tal-lokazzjoni eżebit a fol 23 jinduna li dak il-kuntratt tal-lokazzjoni tal-garage St. Mary Garage, fi Triq il-Mastrudaxxa, l-Mosta kien sar għal perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Frar 2019 sal-31 ta' Jannar 2021. Kien wara li jkunu skadew dawn is-sentejn li ġie maqbul li dak il-kuntratt ma jibqax jgħodd u l-kerrej kien obbligat li jrodd lura ċ-ċwievet lis-sidien. Issa l-kwerela magħmula mill-Avukat Gauci Maistre kienet saret fil-31 ta' Mejju 2021. Fl-NPS a fol 5 jirriżulta li Gauci Maistre kien stqarr mal-Pulizija li huwa kien ilu ma jħallas il-kera lill-appellant mill-bidu tal-2021 minħabba l-pandemija COVID-19. Huwa qal ukoll li l-aħħar li kien resaq lejn dak il-garage kien xi xaharejn qabel, iġifieri lejn Marzu 2021. Kien biss xahar qabel ma għamel il-kwerela, u allura madwar April 2021 li kien bagħat lil Saud Mahmoud li qallu li kien hemm katnazz mal-bieb u li Gauci Maistre ħaseb li dak il-katnazz kien għamlu l-appellant. Kien hemmhekk li Gauci Maistre jgħid li ta struzzjoni lil Saud Mahmoud biex ikisser il-katnazz u jidħol.

57. Mela allura dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta waslet għall-konklużjoni li torbot l-episodju tas-sejba tal-katnazz mal-bieb tal-garage mal-episodju ta' meta nstab il-vann ta' Joseph Sultana fuq il-bridge tal-Mosta. Skont ix-xiehda ta' Joseph Sultana, il-vann kien ilu fuq il-bridge tal-Mosta sa minn Frar 2020. Stando mal-kuntratt tal-lokazzjoni bejn l-appellant u Gauci Maistre, fi Frar 2020 il-garage kien għadu legalment mikri lil Gauci Maistre u skont ma stqarr Gauci Maistre mal-Pulizija, huwa kien għadu jħallas il-kera tal-garage regolarment lill-appellant in kwantu waqaf iħallas biss fil-bidu tal-2021 u mhux fil-bidu tal-2020. Allura dan ifisser li fil-bidu tal-2020 il-kirja favur ta' Gauci Maistre kienet għadha fis-seħħ.

Ma nġiebet ebda prova li f'dak il-perjodu Gauci Maistre kien imċaħħad mill-aċċess għall-garage.

58. Konsegwentement il-konklużjoni li waslet għaliha li kien l-appellant li qabad u ħareġ il-barra l-vann ta' Joseph Sultana mill-garage wara li kienet intemmet il-kirja u li huwa bħala sid il-garage ippretenda li ladarba l-kuntratt tal-kirja kien spiċċa huwa setgħa jaqbad u jibda jitfa' l-affarijiet tal-inkwilin il-barra fit-triq hija sempliċiment konklużjoni żbaljata in kwantu kontradetta mill-provi. In kwantu tali mhix konklużjoni li hija sikura u sodisfaċenti.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tilqa' dan l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**